**216. L-Onor Charles Mangion u l-Onor Karmenu Vella jippremettu:**

1. Illi matul dawn l-aħħar erbgħin sena ħafna investituri Maltin investew bil-qawwi kemm flushom kif ukoll il-kapaċitajiet tagħhom fil-Libja u dan kien ta' benefiċċju mhux biss għal-Libja imma wkoll għall-ekonomija Maltija

2. Illi matul l-istess żmien żviluppa wkoll investiment Libjan ġo pajjiżna li ħoloq impjiegi u opportunitajiet ta' xogħol u kkontribwixxa pożittivament għall-iżvilupp ekonomiku tal-pajjiż

3. Li s-sitwazzjoni li skattat fil-Libja għandha impatt negattiv mhux biss fuq iċ-ċittadini Libjani, imma wkoll fuq dawn l-investituri kollha Maltin u ħaddiema tagħhom u b'mod ġenerali fuq l-ekonomija Maltija

4. Illi apparti dan l-investiment jirriżulta wkoll li hemm ħafna ħaddiema li l-għejxien tagħhom u tal-familja tagħhom jiddependi mil-Libja

5. Tinnota li l-investituri Maltin jinsabu inċerti mill-investiment tagħhom u ħafna huma inkwetati li dak kollu li bnew fuq medda ta' snin se jispiċċa fix-xejn

6. Li dawn l-investituri jeħtieġ li jingħataw kull appoġġ possibbli mill-Gvern Malti sakemm tirrisolvi l-problema tal-Libja dawn jibqgħu għaddejjin u jżommu wkoll il-ħaddiema tagħhom li ħafna minnhom ilhom żmien twil jaħdmu mal-istess azjendi

7. Taqbel li l-problema ta' xi waħda minn dawn l-azjendi li investew fil-Libja tkun tfisser telf ta' impjiegi u telf serju wkoll għall-ekonomija Maltija

8. Tħoss li la darba l-Gvern Malti sab ir-rieda li jgħin fil-*bailouts* ta' kumpaniji u pajjiżi barranin, għandu jkun hemm ir-rieda li jiġu mgħejjuna l-Maltin

9. Tara li jistgħu jittieħdu miżuri mingħajr ma jitpoġġew piżijiet ġodda fuq it-*taxpayers* Maltin u Għawdxin

Għalhekk fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi:

Il-Partit Laburista jipproponi li għandha ssir diskussjoni sħiħa fil-Parlament dwar il-qagħda reali ta' investiment u l-investituri Maltin ġol-Libja b'dawn l-għanijiet;

a. biex ikunu analizzati l-problemi komuni u ġenerali ta' dawk kollha li investew il-ħidma tagħhom u flushom fil-Libja

b. biex ikunu mħarsa kemm jista' jkun l-impjiegi tal-ħaddiem involuti ma' dawn l-investituri

c. biex jiġu diskussi miżuri pragmatiċi li jkunu jfissru għajnuna għal dawn l-investituri biex jibqgħu għaddejjin f'dan il-perjodu diffiċli kif ukoll biex jiġi mħares l-investiment tagħhom ġol-Libja, fid-dawl tal-iżviluppi kontinwi li qed jiżvolġu f'dan il-pajjiż

Id-diskussjoni ssir mingħajr ma jittieħed vot.

13.04.11